# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-28 ta' Settembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 7/2019 CL

**Noileen Fava (KI nru: 230971(m) )**

**VERSUS**

**Jake Borg Falzon (KI nru: 204790(m))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-4 ta' April, 2019 fejn l-attrici talbet lit-Tribunal jordna lil konvenut jhallas is-somma ta' tlett elef sitt mija u hamsa u tmenin euro (€3,685) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attrici in konnessjoni ma' bridge maghmul mill-konvenut qua dentist fuq il-persuna taghha, liema bridge irrizulta li sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti. Din is-somma tinkludi ukoll, izda mhux biss spejjez ta' medicini, xrays u xoghol iehor u rifuzzjoni tal-hals li sar lilu. Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali 4038/18 u bl-imghax mill-10 ta' Awwissu 2018.

Ra r-risposta ipprezentata fid-29 ta' April 2019 li permess taghha wiegeb illi l-pretenzjonijiet migjuba huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-kura moghtija u x-xoghol kollu sar b'mod professjonali skond kif titlob il-professjoni tad-dentirstrija. illi ghal kull buon fini l-ammont kien qed jigi ikkontestat.

Fl-24 ta' Settembru 2019, gie ipprezentat l-affidavit tal-attrici Noileen Fava flimkien mad-dokumenti annessi, fejn l-attrici qalet illi f'Settembru 2018 kienet marret ghand id-dentist Dr. Jake Borg Falzon ghax kellha ugiegh f'darsa u waqt illi kienet hemm kien taha parir biex taghmel bridge halli jkollha dahka sabiha ghax kellha xi dras neqsin. Ghamillha test u hares lejn il-monitor u qalilha li l-hanek kien b'sahtu bizzejjed biex ssir il-bridge. Fid-9 ta' Ottubri 2018, illimalha s/snien kollha ghal ponta u wahlilha covers temporanji u halsitu depositu ta' €1000 Dok A.Hi mill-ewwel ilmentat illi kellha toqba fis-sinna ta' wara tal-lemin u ma setghetx tiekol bl-ugigh u Borg Falzon qalilha li ma kienx hemm problema ghax il-covers kienu temporanji. Fil-25 ta' Ottubru 2018, inqala' l-covers temporanju u twahlu l-permanenti b'zewg dras fuq kull naha fejn l-procedura damet siegha u halsitu l-bilanc ta' €1300. Dok A, Kien hemm oht Jake, Lara tassistih biex tghafashom halli jibqghu l-fuq. Hu taha l-istruzzjonijiet sabiex tlahlah snienha bl-

ilma u minkejja li qaltlu li kienet qieghda thoss id-darsa thokk ma' wiccha, hu qalilha li din kienet sakem toqghod. Wara xi nofs siegha li telqet minghand id-dentista bdiet thoss tghaffis kbir mal-genb ta' wiccha u indunat illi d-darsa tan-naha tax-xellug kienet hafna l-fuq u l-barra mill-hanek. Hi bdiet tipprova iccempellu immedjatament imma ma setax jwiegeb, bghatitlu messagg u wegibha illi kellha tidraha. Izda hi regghet marret ghandu xi siegha wara u wara li raha qalilha li dak li kellha kien normali u ma kienx ser jmisshom ghax gew perefetti. Hi baqghet kuljum bl-ugigh sakemm fid-20 ta' Ottubru 2018 kellha appuntament ghand l-istess dentist biex jaqlaghlha darsa ohra u mar maghha it-tifel Liam Fava. Spejegatlu li ma kinitx qieghda thossha tajba xejn u t-tifel qallu li hajitha kienet inbidlet u bilfors kien hemm xi haga hazina. Hi kienet bkiet ghand id-dentist u talbitu jaqla' il-cover ghax ma setghetx tissaporti l-ugigh izda hu insista li ma kienx ser jmiss xi haga perfetta. Hu kitbilha ricetta ghall-antibiotices Rodogyl 500mg. L-ghada regghet qamet migugha u b'wiccha minfuh fuq in-naha tal-lemin u regghet bghatitlu messagg. Izda hu qalilha biex taghti cans. Fil-31 ta' Ottubru 2018 qamet aghar u regghet ikkuntatjat lil dentist u rega' irrisponda li ma seta' jaghmel xejn.Hi baqghet sejra ghall-aghar u d-dentista baqa' jordalha medicina minn fuq il-messaggi u kienet xtrat b'€76.54 medicini. Hi kellha ukoll tiehu sick leave mix-xoghol u ghalhekk tilfet uloll €150 sick leave. Fl-ahhar idecediet ukoll tiehu opinjoni professjonali minghand d-dentist Dr Dennis Cutajar li ha hsiebha b'dedikazzjoni kbira u naddfilha ukoll is-snien. Jumejn wara regghet marret ghand d-dentist maz-zija taghha Carmen Hili u spjegatlu li kienet hadet opinjoni ohra u irrabja u qalilha quddiem Carmen Hili, li issa li marret ghand haddiehor ma kienx risponsabbli aktar ghax haddiehor zgur ser jmaqdar u qallha biex titlaq u ma tersaqx aktar hemm. Hi baqghet tmur ghand id-dentist Dennis Cutajar li sabilha feriti taht id-dras tal-bridge u kellhom jinqatghu id-dras tax-xellug li kienu gew mwahhla mal-cover u maz-zmien kellhom jinqatghu ukoll id-dras tal-lemin ukoll ghax kien hemm ferita ohra. B'kollox hi hallset lil dentist Dennis Cutajar €880 li minnhom €300 kienu tal-acrylic denture ta' isfel li ma kinitx qieghda tipprentendi l-hlas taghhom ghax ma kellhomx x'jaqsmu mas-snin ta' fuq, €300 tal-acrylic denture ta' fuq, €100 sabiex jaqla' d-dras u €280 ghal diversi pilloli u kura. Dr Borg Falzon kien hallasha lura €110 ta' x-ray u tat-tindif tas-snin meta qaltlu li kienet marret hadet opiinjoni ohra. L-opinjoni ta' DR Cutajar huwa li jinqala' l-bridge li sar u jaghmlu ohra mill-gdid u sabiex jinqala' l-bridge kien hemm spiza ta' €400.

Xehed Dr. Dennis Cutajar li huwa dentist li iltaqa' ma' Noileen Fava l-ewwel darba fis-6 ta' Novembru 2018, meta kienet marret ghandu ghax kienet migugha min-naha ta' fuq ta' halqha. Hi kienet qalet illi kienet ghamlet bridge ftit gimghat qabel, ghand dentist iehor li wara semmietli li kien Dr Jake Borg Falzon. Hu kien ipprepara rapport li gie pprezentat u mmartkat bhala Dok DC1 u CD tal x ray tal-attrici li kien qed jipprezenta u jigi mmarkat bhala Dok DC2. Meta raha, hi kellha ugigh fuq in-naha tax-xellug ghax in-nefha li kellha kienet nizlet peress illi kienet hadet antibiotics. Fix-xedaq ta' fuq hemm sitt sinniet li qeghdin jissaportjaw bridge ta' ghaxar sinniet. Fix-xedaq ta' isfel tilfet is-snien kollha ta' wara allura ma kellhiex posterior support u tigdem dejjem fuq quddiem. Hi kellha tlett problemi, l-ewwel kellha selha li jghidulu pontix li kienet sinna falza li kienet qieghda tislohilha l-hanek u hu kien nehhielha z-zewg sinniet fuq wara u ghaddielha. Iz-zewg problemi l-ohra kienu dwar zewg sinniet li assuma li kienu mietu, wara li sar il-bridge, u dawn ikkawzaw nefha fil-wicc kemm fuq il-lemin u kemm fuq ix-xellug. Hu ma setax jghid jekk dawn kienux rizultat tal-bridge work jew le. skond ricerka tieghu hija normali li wahda minn kull ghaxar sinniet jmutu. Meta jkun hemm sinna mejta hemm zewg options, jew titnehha s-sinna u tintilef il-bridge li kienet ghamlet jew jipprovaw jaghmlu root canal treatment fejn jnadfuha minn gewwa u tintela' biex

tippostponi li tnehhi s-sinna infetatha. Offrilha li jnehhi l-bridge u jaghmilha root canal treatment jew alternattivament jhalli l-bridge u jaghmel root canal treatment minn gol bridge ghalkemm huwa aktar komplikat biex tahdem. Kellha ukoll mard fil-hanek fejn il-hanek jibda jinzel kemm kemm li jidher l-aktar fis-snien ta' isfel u mhux daqshekk relatat mal-bridge. Ma kienx car mill-ewwel x ray liema sinna kienet mejta izda x-xahar ta' wara bdew il-marki minn fejn kienet gejja l-infection li jidher fir-rapport u b'hekk kien offrilha root canal treatment. Il-bridge seta' sar ahjar ghax l-ispazju bejn is-snien kien limitat. It-tip tad-disinn tal-crown kien qieghed jisloh il-hanek ghalkemm mhux xi haga facli li tinduna biha u hu kellu l-benefit tal-hindsight. Hu ma kienx ra l-pazjenta qabel il-bridge u kien hemm hafna tipi differenti ta' bridges li kollha ghandhom zvantaggi u vantaggi izda hu kien jissugerixxi bridge jghidulu oviate, pontik it-tip tad-disinn ghax huwa aktar igeniku ghalkemm hafna pazjenti ma jkunux jirduh ghax is-sinna hija tonda izjed min-normali u hu ma jafx x'gie diskuss. Intuza' metal ceramic ghal bridge work li kienet tkun ukoll l-ghazla tieghu. Hu ma kienx ikkonkluda xejn mix-xoghol tal-bridge imma aktar x'seta' sar qabel ma ghamel il-bridge, jekk hax-xrays, jekk hax xi pulp test pain u jekk accertax li s-snin kollha ghadhom hajjien u jekk hemm bzonn root treatment qabel, u Jiccekja l-hanek tal-pazjent. Izda tried tara x'gie diskuss mal-pazjent u li l-pazjent kien jaf il-pros and cons ghax ghalkemm l-ahjar li kieku l-implants, mhux f'kaz meta l-pazjent ghandu mard fil-hanek jew jpejjep apparti li hemm qabza kbira fil-prezz.

Fis-7 ta' Novembru 2019, xehdet Alexis Denmar, li hija HR Manager mal-Convenience shops li maghhom kienet tahdem Noileen Fava u ikkonfermat illi kienet hadet 36 siegha sick leave bejn Ottubru u Nobembru 2018 li konsegwenza ta' dan tilfet €150.

Fit-8 ta' Jannar 2020, xehedet Sharon Schembri li hija habiba ta' Noileen Fava u tkun spiss maghha. Noileen kienet ghamlet bridge ghand Borg Falzon bejn Settembru u Ottubru 2018 u wara bdiet thossha migugha u kellha wiccha minfuh, b'hekk hi issugeritilha biex tmur tiehu second opinion ghand id-dentist taghha li kien Dennis Cutajar. Iccekjalha halqa u hadilha x-ray u qalilha fil-prezenza taghha li l-bridge mhux suppost jehel fuq tlett sinniet imma wiehed wiehed u ha decizjoni li jaqla' d-dras biex ma tibqax migugha u inqatghu d-dras u nizlitilha n-nefha u ma baqghetx migugha. Illum kienet ahjar ghalkemm xorta ma setghetx tiekol affarijiet iebsin. Fil kontro ezami hi ikkonfermat illi kienet taf bl-ugigh ta' Noileen ghax kienet tghidilha hi u t-tifel taghha kien hadha anke l-isptar. Hi kienet maghha meta d-dentist qalilha li l-ugigh kien gej mill-bridge ghax kien ihokk mal-hanek u meta qalha l-bridge kellha infezzjoni kbira taht il-hanek imma ma setghetx tghid ma' kemm il sinna kien imwahhal il-bridge u l-anqas jekk kien hemm infezzjoni fuq is-snien ta' quddiem.

Liam Fava xehed illi ommu kienet marret ghand dentist Jake Borg Falzon li kien irrikmandalha li taghmel bridge biex jkollha daqka ferm isbah u f'Ottubru 2018 ghamlithom. L-ewwel wahhal bridge temporanju u mill-ewwel bdiet tilmenta mad-dentist li bdiet thosshom skomdi izda hu qalilha li dak ghax kienu temporanji izda kif wahlilha l-permanenti xorta baqghet migugha u marret lura ghanu dakinhar stess, iizda qaltlu li d-dentist qalilha li xi haga perfetta ma tistax tintmiss u trid tidraha izda xorta baqghet migugha. Beda jintetfilha anke wiccha li ikkonferma li kien skond ir-ritratt a foll. 59. Jake Borg Falzon beda jordnalha hafna antibiotics permess ta' messaggi u baqghet migugha sakemm marret ghand dentist iehor Dennis ghal opinjoni ohra fejn qalilha li x-xoghol ma sarx sew. Kien qatalgha xi dras minn mal-cover bridge u n-nefha bdiet tinzel, kienu gew ordnati ukoll antibiotics ohra. Sa dakinhar kienet ghadha tbati bihom ghax kien jkollha tmur tigri biex tobzoq il-materja. Fil-kontro ezami ikkkonferma

illi hu qatt ma mar m' ommu ghand il-konvenut u ma jafxx x'konsulti saru bejniethom, imma mar maghha xi drabi ghand id-dentist Dennis u semghu jghid illi dak it-tip tax-xoghol ma jsirx minn dentist normali u ma sarx sew. ikkonferma ukoll illi sakemm it-tieni dentist lesta x-xoghol kienu lehqu ghaddew xi xahrejn u kienet ghadha tiehu antibiotics. Hu kien prezenti ghand id-dentist Borg Falzon l-ghada li twahhal il-bridge u semghu jghid li affarijiet perfetti ma jistghux jinqalghu u li riedet tidrah. Kien prezenti ghand id-dentist Dennis Caruana darba ukoll u semghu jghid li ma kienux twahlu sew u qattalha d-dras biex tinzel in-nefha.

Ra l-affidavit ta' Carmen Hili li kienet taf illi f'Ottubru 2018, Noileen kenet marret ghand id-dentist Jake Borg Falzon biex taghmel bridge ghax kienet baqghet sejra ghandha u kienet qaltilha li l-bridge kien qieghed jweggaghha. Wiicha beda jintefah u baqghet migughha u kien ordnalha medicina u kienet marret ghand dentist iehor ghal opinjoni ohra. Wara kellha appuntament ghand Borg Falzon u kienet marret maghha ghandu u kif qaltlu li marret ghal opinjoni ohra u urietu l-ircevuta irrabja u taha €100 lura u qalilha li darba kien ser jaghtiha l-flus ghax kien qalbu tajba u la marret ghand haddiehor setghet ma tersaqx aktar ghandu ghax ma kienx aktar risponsabbli u bilfors kien ser jmaqdar xogholu. Gie ipprezentat ir-rapport ex parte tal-Professur Nikolai Attard li wara li ra r-rapport tad-dentist Dennis Caruana u ghamel konsulta mal-attrici ikkonkluda illi t-trattament kien mghagel u ta' kwalita inferjuri li kienet inkwetanti ghalih peress illi d-dentist Borg Falzon kien student tieghu li kien inghata l-istharrig sabiex jaghti trattament addatat li ma jidhirx li sar.

Fis-16 ta' Settembru 2020 gie ipprezentat affidavit tal-konvenut fejn spjega illi Noileen Fava kienet pazjenta tieghu u kienet ghamlet root canal treatment fuq id-darsa UR4 u wara t-tieni appuntament ddecediet illi twaqqaf dan it-trattament minhabba f'xi komplikazzjoni li seta' jinqala' minhabba f'xi kanali dojoq li kellha din id-darsa. Hi riedet taqla' d-darsa malajr u timla' l-vojt li halliet din id-darsa u zzid dras fuq wara u fl-istess hin tirranga snienha ta' quddiem.Fl-appuntament tat-13 ta' Settembru 2018, spjegalha li setghet taghmel dentatura li jinqala u tintlibes, jew jsiru inplants ghas-snin ta' wara jew ssir bridge u spjegala il-vantaggi u svantaggi ta' kull trattament inkluz il-komplikazzjonijiet li jistghu jinqalghu. Noileen ma riditx dentatura u lanqas inplants minhabba li kienu jiswew aktar u kien process aktar kumpless aparti li ma kienux idejali ghal min jpejjep. Hi xtaqet tirranga s-snin ta' isfel wara li taghmel ta' fuq u ghalhekk ghazlet il-bridge u hu qabel maghha u wara spjegalha l-kumplikazzjonijiet li setghu jinqalghu hi tatu l-kunsens. Ghalhekk fl-istess appuntament ghamlilha check up ta' snienha minhabba li l-bridge kellu jaqbad ma' 6 snien min-nejba sa nejba. Bhala parti mic-check up kien ha x-ray, iccekja jekk kellhiex s-snin mhassrin jicaqilau u spjegahla li kellha zewgt isnien mhassrin li riedu jitnaddju qabel jsir il-bridge. Spjegalha li s-sitt snein li kellha kienu b'sahhithom bizzejjed biex jaqbdu maghhom zewgt idras, tnejn fuq kull naha. Fl-appuntament tad-9 ta' Ottubru 2018, beda jnehhi t-thassir tas-snien, jillima s-snien, jiehu l-forom u l-gidma u jpoggi s-snien temporanju. Noileen uriet x-xewqa li xtaqet taghmilhom aktar bojod mis-snien naturali taghha u hu ssugerilha li tiltaqa' ma' Rose it-technician li kienet ser tahdem il-bridge biex taghzel il-kulur. Fil-25 t'Ottubru 2018, marret ghandu u wara li nehhilha l-bridge temporanju, ipprovat il-bridge u deher tajjeb u hu kien sodisfatt bih. Noileen rathom fil-mera u dehret kuntenta hafna u tatu l-kunsens taghha sabiexs jwahhal il-bridge. Wara madwar 30 minuta bghatiltlu mesagg illi kienet qieghda thoss darsa l-barra u thokk wiccha, din id-darsa kienet darsa li kien zied hu bhala parti mill-bridge f'post fejn kienet inqalghet darsa naturali snin ilu, u ftit wara regghet marret il-klinika u ra li kien kollox sew u trid taghti cans biex tidrha

u kienet kuntenta bil-bridge tant illi bdiet tibghatlu ritratti ta' halqha bid-dahka. Fid-29 ta' Ottubru 2018 kellha appuntament iehor u marret mat-tifel u qaltlu li s-snin ta' taht il-bridge kienu sensittivi u bdew jugghaha. Meta ezaminha sab li l-hanek fejn kien hemm s-sinna upper right 2 kien tender u sensittiv u spjegalha li probabilment din is-sinna kienet qieghda tmut u din hija komplikazzjoni li tista' tigri wara li sinna tigi illiminatha, fatt li kien semmielha fil-konsulta. Hu ried jiktbilha antibiotic augmentin biex jfejjaq l-infezzjoni izda peress illi Noileen qaltlu li kienet allergika ghalih kien kitbilha Rodogyl li kien inqas qawwi. F'kaz illi kien jitneffhilha wiccha jew jizdied l-ugigh hi kellha iccempilluu biex jaghtiha kors iehor antibiotics u f'kaz illi l-uigh ma jonqosx kien lest li jaghmlilha root canal treatment fis-sinna. Fit-30 ta' Ottubru 2018, Noileen qamet b'wiccha minfuh u kien ziedilha l-klacid biex tinzilha nefha u fil-fatt, l-ugigh beda jtaffi u fit-31 ta' Ottubru 2018, Noileen kienet qaltlu li kienet ftit mugugha u qaltlu l-ewwel darba li bdiet thoss il-bridge jugaghha.Wara dakinhar Noileen qatghet kull kuntatt sakemm fil-15 ta' Novembru 2018 Noileen marret il-klinika b'ircevuta f'idejha ta' €100-€110 ta' x ray u tindif, minghand dentist iehor li kien qalilha li l-bridge ma kienx twahhal sew. Hu inhassad ghax qatt ma kienet qaltlu li kellha problema fil-bridge u meta offra sabiex jinvistha kif kien il-pjan hi irrifjutat. Biex jevita l-problemi quddiem in-nies kien qabad u taha l-flus u qalilha li la marret ghand dentist iehor ma kienx ser jkompli jarha. Il-problema kienet li kienet mietet sinna u meta jigri dan tikkawza infezzjoni u tkun trid tiehu antibiotics. Li jsir huwa root canal treatment li jista' jsir minn gol-bridge minghajr ma jinqala' l-bridge. Fil-fatt il-bridge jidher illi ghadu mwahhal sal-llum.

Il-konvenut regga' xehed in ezami ulterjurment dwar rapport tekniku li gie ipprezentat mal-affidavit fejn iddeskriva x-xewqat li l-pazjenta kellha waqt il-konsulta li jkollha plakka gdidi u sabiha u l-procedura li ha biex jaghmel dan il-bridge, L-ilmenti tal-pazjenta wara li twahlet il-bridge u x'ghamel hu biex jindirizza l-ilmenti taghha. Ghandu ukoll x-rays mmarkat bhala Dok MS10 u dokumenti li kien ta lil technician li kien jisimha Rose Cordina, fosthom il-forom li kien ha, fejn juri aktar fid-dettal aktar informazzjoni dwar kif kellu jsir il-bridge. It-technician kienet iltaqat ma' Noileen Fava fejn iddiskutew kif ghandu jsir il-bridge u l-kulur tas-snin foloz.

Xehdet Rachel Agius, li hija spizjara gewwa Qrendi Pharmacy li ikkonfermat l-ircevuti li hargu minn Qrendi Pharmacy li jinsabu a foll 144 u 145 u gharfet lil Noileen Fava fl-awla u taf li kienet marret l-ispizerija fiz-zmien ta' bejn Novembru 2018 u Jannar 2019 ghalkemm ma tiftakarx jekk l-ircevuti partikolari kienux taghha. Ma setghetx tikkonferma x'kienu ezatt ghax il-cash register huwa generiku.

Semghet l-attrici tixhed fis 26 ta' Ottubru 2020 in kontro ezami illi kienet ilha taf lil konvenut madwar tlett snin. Kienet tmur ghandu meta kella bzonn taqla xi darsa. F'Settembru 2018 kienet marret ghandu ghax kellha ugigh f'darsa u wara inqasmet u kellu jaqlaghha. Wara li inqalghu d-dras u kien baqaghlha darsa wahda hi xtaqet li jkollha d-dras. Id-dentist qallha b'tlett options, il-permanenti kienu gholjin wisq u d-dentist qallha li l-cover kien l-ahjar ghaliha biex jkollha dahka sabiha. Ir-root canal treatment kien sar hafna qabel u kienet marret tajjeb bih. Ma tafx x'test ghamlilha d-dentist imma kien dahal xi haga f'halqa u mar hdejn il-lap top u qalilha li jista' jsir ssir il-bridge. Id-dentist qal illi kien ha x-ray u qalilha dwar il-konsegwenzi tat-titjip fuq il-bridge. Hi kienet lmentat dwar toqba li kienet thoss b'ilsienha, fuq is-sinna ta' wara tal-lemin. Hi rat l-iswed ta' fuq il bridge u d-dentist kien ghafas il-fuq u meta marret id-dar rat darsa mahruga l-barra izda ma kellhiex ugigh bejn l-25 i 29 ta' Ottubru 2018 ghax l-ugigh zviluppa gimgha wara fis-sinna tal-lemin. Gimgha wara intefhilha wiccha u giet

qisha monstru u d-dentist kien ziedilha l-klacid mal antibiotic. Ikkonfermat illi kienet bghatet messagg lil dentist fejn qaltlu grazzi ghalik u issa ejja ha tkomplieni. Taf illi kien hemm gurnata fejn id-dentist ma setax jarha ghax kien imsiefer u kienet qaltlu biex meta jigi minn barra jarha izda ma kintix taf illi wiccha kien ha jintefah in-naha l-ohra ukoll u b'hekk kellha tiehu t-tieni opinjoni u marret ghand in dentist Cutajar fis-6 ta' Novembru 2018, li kien taha antibiotics u nadaf is-snin. illum il-gurnata l-bridge kien ghadu mwahhal. Hi kienet qalghet is-sinna ta' mal-bridge biex wiccha jistrieh u sallum ma inqalghux aktar snin.

Rat l-affidavit ta' Rose Cordina datat 20 ta' Ottubru 2020, li hija dental technician li xogholha hu li tipproduci dentaturi u bridges ghal pazjenti ta' dentisti. Kienet ilha tahdem mad-dentist Dr Jake Borg Falzon ghal hafna snin u kienet hadmet fuq il-bridge ta' Noileen Fava. Kienet gabret il-forom u l-gidma minghand Dr. Jake Borg Falzon fid-9 ta' Ottubru 2018 u fuq dawn nahdem il-bridge skond l-informazzjoni li jkun taha d-dentist li jinkludi t-tul tal-bridge, il-materjal, l-gidma u pontic design. Il-bridge kien ta' ghaxar sinniet u l-materjal kien porcelain-fused to metal, kellu jkollu sitt abutmets u erba' pontics, li jfisser li kellha zzidilha erba' sinniet, tnejn fuq kull naha tan-nejbiet taghha. Dr. Jake Borg Falzon infurmha illi Noileen kellha hsieb taghmel sninha t'isfel ukoll u ghalhekk kellha zzomm skond il-*curve of spee* biex s-snin jidhru estetikament sbieh i l-gidma tigi korreguta meta taghmel is-snin t'isfel. Noileen marret il-laboratorju fis-16 ta' Ottubru 2018 u dehret kuntenta biex xoghol li kien sar sa dakinhar u bis-snin temporanju u Noileen ghazlet kulur ftit aktar abjad mill-kulur tas-snin taghha. Hi hadmet il-bridge minghajr problemi u Jake Borg Falzon kien infurmha li kemm hu kif ukoll Noileen kienu kuntenti bil-bridge u kien uriha ritratti li hadet bid-dahka. Dr. Jake u hi dejjem kienu lesti jirrangaw fejn kien hemm bzonn u mhux l-ewwel darba li kienet tmur fil-klinika tieghu biex taghmel xi adgustament teknici f'halq il-pazjent.

Lara Borg Falzon ipprezentat affidavit fejn qalet illi hi kienet full time charge Nurse u kienet tahdem part time dental assistant ma Dr. Jake Borg Falzon. Xogholha kien li tassistih waqt il-proceduri li jaghmel fuq pazjenti u li zzomm l-indafa u l-igene fil-klinika. Noileen kienet pazjenta regolari u dejjem kellha xewqa li tirranga sninha u fit-13 ta' Settembru 2018 kienet prezenti waqt il-konsulta fejn Dr. Jake Borg Falzon spjegalha treatment options u wara li spjegalha l-vantaggi u svantaggi u komplikazzjonijiet li setghu jinqalghu hi ghazlet il-bridge fejn Jake qabel maghha ghax implants ma kienux idejali ghal min jpejjep. Wara l-konsulta kien hadilha xi x rays u Noileen tat il-kunsens taghha u ghamlet appuntament biex jibda xoghol fuq il-bridge. Kienet prezenti ukoll fil-25 ta' Ottubru 2018 meta twahlet il-bridge, l-ewwel nehha it-temporanja, ipprova l-bridge u ghamel l-investigazzjoni tieghu. Wara ta' mera lil Noileen Fava biex tara l-bridge u kif Noileen kienet kuntenta bix-xoghol hi haltet ic-cement li d-dentist uza' biex jitwahhal il-bridge fuq is-snin tal-pazjent. Kif ghaqdet il-kolla tnehha c-cement zejjed. Wara dan spjegalha kif ghandha tiehu hsieb il-bridge u kif tahsilhom u xi prodotti ghandha tuza' u rrikmandalha biex tnaqqas it-tipjip ghax jmarrrad il-hanek. Ssugerewlha li biex taghti cans biex tidhra l-bridge peress illi kien hemm erbat idras godda u Noileen dehret kuntenta bix-xoghol u kellha review appointment erbat ijiem wara. Ftit hin wara Noileen regghet marret il-clinic u riedet tkellem id-dentist ghax ma bditx thossha komda. Hi qaltlu li bdiet thoss sinna fil-bridge l-barra, hu wegibha li s-sinna li bdiet iddejjaqha kienet sinna gdida li kienet qed tiehu post il-vojt li kellha fil-hanek u riedet taghti cans biex tidrha. Id-dentist mexa mal-procedura kif jaghmel fuq kull-pazjent.

Fid-9 ta' Gunju 2022 semghet lil Dr Dennis Cutajar jixhed in kontro ezami illi meta marret ghandu l-ewwel darba Noileen Fava kienet qaltlu li kienet marret ghand dentist iehor u ghamlet snin barranin imma ma semmitx min kien. Hi kienet ilmentat illi kellha nefha fuq in-naha tax-xellug u kienet diga nizlet minhabba li hadet l-antibitocs qabel ma intervjena hu. Fil-fatt hi ma kellhiex nefha meta marret ghandu imma kien ra r-ritratti. F'kaz ta' sinna nfettata trid jew titwarrab jew jippostponi billi taghmel root canal treatment li sa fejn jaf hu kien ghadu ma sarx.Noileen kellha selha minhabba l-qiegh tas-sinna falza li kienet taghfas fuq il-hanek ghax x'hin kienet tigdem fuqha kienet tobrox il-hanek. Hu ikkonferma li meta jsir bridge hija haga normali ansi wiehed jistenna li jmutu xi snin u b'hekk hemm l-obbligu li jinfurmaw lill-pazjent. Hu ried jaghmel root treatment fuq il-pazjenta izda hi ma riditx, ma jafx ghalfejn izda darba qaltlu li riedet taghlaq il-kaz qabel ma titratta l-infection. Hu ikkonferma ukoll illi sabilha mard fil-hanek li tigi minhabba gebla li ma titnehiex u nuqqas t'igene, bil-kosegwenza li s-sinna titlef l-attachment taghhha u tidghajjef l-pedament u jkun hemm inqas cans li jirnexxi l-bridge. Il-vantagg ta' bridge fuq inplants huwa li huma ferm orhos u anke l-maintenance taghhom huwa inqas. Hu ma kienx biddel jew altera l-bridge, li kien ghamel hu kien li nehha il-bicca ta' wara li kien qieghed jisloh l-hanek.

Xehed ukoll Profs Nikolai Attard in kontro ezami li ikkonferma li Dr. Caruana kien ghamel kuntatt mieghu biex jara r-rapport ta' Dr Cutajar u x-xhieda li gie ipprezentat fil-kawza izda ix-xhieda ta' Dr. Borg Falzon ma rahx. Hu ibbaza hafna mir-rapport tieghu fuq x'kienet qaltlu Noileen Fava li qatt ma qaltlu li kienet kuntenta bil-bridge. Dr Cutajar kien irrikmanda trattament izda hi irrifjutat u ammetiet li bezghet illi jinkisser il-bridge. Ikkonferma li l-bridge kien ghadu f'halq l-attrici ghalkemm ma kienx komdu fis-snin, ma kellux gidma tajba u lanqas interdentals ma jidhlu sewwa. Gie muri dokument a foll 183 li kien gie ipprezentat minn Dr Jake Borg Falzon li ikkonferma li juri stampa ta' radjografija.

Fit-23 ta' Frar 2022 semghet lil Rose Cordina li spjegat illi l-*curve of spee* hija kurva fejn s-snin jkunu puliti estetikament izda il-gidma kienet tajba u setghet tiekol ghalkemm kienet ser tkun ahjar meta taghmel is-snin ta' taht ghax xi snin ta' taht li jkunu l-isfel jigu jmissu ma' ta' fuq. Jekk kienet tmur il-klinikadan kien biex taghmel xi aggustamenti teknici izda l-ugiegh jiehu hsiebha d-dentist. Jake Borg Falzon xehed in kontro ezami fejn ikkonferma li s-sinna UL3 (tooth 23 fir-rapport ta' Dr Cutajar u Profs Attard) kienet giet trattata minnu bir-root canal treatment u kien ghamel vitality test fuq is-sinna UR2 ghax kienet is-sinna mis-sitta li intuzaw illi kellha filing kbira u kienet mdawra ftit u din tkun indikazzjoni li tista' tkun mejta. l-ohrajn ma sarx *vitality test* fuqhom ghax ma kienux qed jicaqalqu u ma kellhomx filing jew thassir u l-mard tal-hanek kien minimu fin-naha ta' fuq tal-halq. La darba tillima d-darsa bhala komplikazzjoni d-darsa tista' tmut u jkollok infection bhal ma jigrii f'10% tal-kazijiet u bhalma gara lil Noileen. Is-sinna UL2 xorta setghet tintuza ghal bridge ghax kien hemmm 2mm madwar is-sinna bhala kullar u *crown to root ratio* ta' 2 is to 3 wara li tnehhi it-thassir u timlihom bhal ma kien ghamel. Fid-9 ta' Ottubru 2018 kien hareg id-demm imma dan kien ikkontrollah qabel ghamel il-bridge temporanju u ma kienx minhabba l-infezzjoni imma ried jinzel taht il-hanek. Hu halla biss 14 il-gurnata bejn it-temporanji u l-permanenti u peress illi l-pazjenta ma riditx tilbes dentatura hu kellu jaghgel il-process ghax peress illi l-bridge kien twil kien hemm riskju li jinkisser. Noileen qatt ma ilmentat meta kienet bil-bridge temporanju. Il-gidma kienet tajba imma ma

kinitx iffinalizata ghax kienet ser tirranga s-snin t'isfel, imma qatt ma ilmentat fuq il-gidma ghax kien facilment jirrangha u semmietha biss fl-ahhar meta kien msiefer u kellha tmur ghandu wara. Hi kienet tghid li kienet migugha wara li twahhal il-bridge permanenti. Hu stess kien saqsiha kif kienet waqt illi kien msiefer ghax dejjem ried jghinha. Hu kien nadaf ic-cement bejn is-snin bil-pink interdental brushes u spjegalha kif tnaddaf is-snin bil-mera fid-29 ta' Ottubru 2018, izda hi qatt ma ilmentat dwar ikel bejn is-snin. Hu kien ziedilha l-antibiotics permess ta' messagg wara li kien raha l-klinik fid-29 ta' Ottubru 2018 peress illi kellu jaghtiha antibiotics inqas b'sahhithom mill-augmentin ghax kienet allergika ghalihom u jekk l-ugigh jizdied kien jzidilha kors iehor. Allura jumejn wara li kien ra l-pazjenta ziedilha l-medicina halli tinzlilha n-nefha biex kif jigi minn barra jara kif baqghet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriciipprezentat fl-10 ta' Gunju 2022 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li gie ipprezentat fit-12 ta' Ottubru 2022.

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar talba ta' rifuzzjoni ta' spejjez relatati ma bridge fin-naha ta' fuq tas-snin li qieghed jigi allegat li ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ukoll spejjez ta' medicina, x rays u xoghol riparattiv li saru wara.

Illi ghalkemm il-Profs Nikolai Attard, ipprezenta rapport, dan m'ghandux jigi ikkonsidrat bhala rapport ta' espert fl-ewwel lok ghax huwa xhud ex parte u fit-tieni lok stante li x-xhud strah totalment fuq x'qaltlu l-attrici minghajr ma saret verifika dwar l-affarijiet li gie allegat. Ghalhekk seta' gie sgwidad, ad ezempju ma kinitx qaltlu li l-konvenut kien ha x ray u lanqas illi kien invistha fil-klinika xi erbat ijiem wara li twahhal il-bridge qabel ma zammet kuntatt mieghu bil-mobile.

Fis-6 ta' Novembru 2018, Dr Dennis Cutajar kien ha xi x rays u ghamel xoghol riparattiv fuq il-bridge li kien *trimming down of the buccal aspect of the base of the pontic,* li mill-ewwel hassitha ahjar. L-ircevuti ta' Dr Dennis Cutajar jammontaw ghal €880 li minnhom l-attrici stess ikkonfermat illi ridu jintnaqsu €300 li huma tas-snin ta' taht u €110 li gia kienet thallset taghhom minghand il-konvenut meta marret ghandu fil 15 ta' Novembru 2018 u ghalhekk l-ammont li jistghu jkunu relatati mas-snin ta' fuq huma ta' €470. Dan it-tribunal ukoll jhoss illi l-invoice a foll 78 li huwa extraction tas-sinna numru 36 li huwa sinna ta' taht m'ghandux jigi ikkonsidrat stante li lilment huwa fuq il-bridge fin-naha ta' fuq tal-halq u ghalhekk l-ammont ta' €30 ghandu jitnaqqas ukoll minn dan l-ammont. Ghalhekk l-ammont li qieghed jigi ikkonsidrat minn dan it-Tribunal huwa fl-ammont ta' €440 li huma relatatti ma' *sectioning off of pontics* 14 15 24 u 25 kif ukoll *acrylic dentures* ta' fuq, liema xoghol kellu jsir sabiex l-attrici ma tibqax skomda. L-attrici ikkonfermat illi l-bridge kien ghadu mwahhal u ma kinitx qalghet aktar snin hlief dawk li kienu mal-bridge u ghalhekk kienet strahet u ghalhekk it-talba ghar-rifuzzjoni tal-hlas ghax-xoghol tal-bridge li sar mill-konvenut mhux qieghed jintlaqa'.

L-attrici ssemmi ukoll spejjes ta' diversi pilloli u kura fl-ammont ta' €280 izda ma gewx ipprezentati ircevuti ta' dan l-ammont u ghalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa'.L-ircevuti tal-medicini li gew ipprezentati kienu ta' €19.52[1] datat 25/10/2018 u €12.49[2]

---

[1] Foll 71
[2] Foll 71

datat 03/01/2019, €21.78 datat 27/11/2018[3] u €22.75[4] datat 23/11/2018. L-ircevuta data 23/11/2018 huma dwar prodotti kollha relatati mal-igene tas-snin, li huma necessarji biex zzomm il-bridge, kif ukoll is-snin u l-halq nodfa u ghalhekk mhux ser jigu kkonsidrati bhala parti mid-danni. Dwar l-ircevuti l-ohra, l-attrici qalet illi l-ircevuti li gew ipprezentati kienu ghal pilloli li kien ordnalha l-konvenut ghalkemm m'hemmx spjegazzjoni fl-ircevuti dan it-Tribunal ma jistax jassumi li huma relatati ma xi nuqqas min-naha tad-dentist ghax kif qal Dr Dennis Cutajar fil-kontro ezami *huwa normalissimu anzi tistenniha* li jmutu s-snien meta ssir bridge u *jekk dawn kienux rizultat tal-bridge work jew le ma nistax nghid*. Dwar it-talba sabiex l-attrici tithallas tas-sick leave dan it-Tribunal jqies illi l-infezzjoni u possibli mewt tas-sinna huwa komplikazzjoni li tigri spiss hekk kif ikkonferma Dr Dennis Cutajar u ghalhekk id-dentist m'ghandux jinzamm risponsabbli ghal komplikazzjoni li tista' tigri u li fil-fatt m'hemmx dubju li gara lill-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attrici limitament ghax -xoghol riparattiv relattat mal-bridge fl-ammont ta' €440 u jordna lill-konvenut jhallas s-somma ta' €440 lil-attrici. Konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma ta' erba' mija u erbghin euro (€440), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba[5].

Dwar l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[3] Foll 72
[4] Foll 73
[5] It-talba ghal imghax mid-data tal-ittra ufficjali bin-numru 4038/18 li saret referenza ghaliha ma setatx tintlaqa' stante li ma gietx ipprezentata kopja tal-ittra.